MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 330/2011

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva datata 24 ta' Gunju 2011 numru 118/11 fl-ismijiet:**

**F. Advertising Limited (C-27689)**

**Vs**

**Robbie Borg (I.D. Nru. 838147M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Albert sive Robert Borg fit-30 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti: (i) tiddikjara u tiddeciedi li n-notifika ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A datata 24 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet "F. Advertising Limited v. Robbie Borg" bin-Numru 118/11 ma saritx skond il-Ligi; (ii) tiddikjara u tiddeciedi li l-istess imsemmija ittra ufficjali hija nulla u bla effett fil-Ligi; (iii) tirrexxindi u tiddikjara null u bla effetti fil-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà intimata kontra tieghu nascenti mill-ittra ufficjali in kwistjoni; (iv) tiddikjara u tiddeciedi li l-

Mandat ta' Sekwestru Nru. 1283/11 fl-ismijiet "F. Advertising Limited v. Robbie Borg" huwa null u bla effett fil-Ligi; u (v) tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru imsemmi; bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. "A" u Dok. "B", a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-Risposta pprezentata mis-socjetà F. Advertising Limited permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u titlob li l-istess jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, ghaliex: (i) il-procedura pprezentata minnha ghandha titqies bhala valida u esegwita skond il-Ligi billi n-notifika saret fir-*registered office* ta' Bargain Holidays u f'liema Bargain Holidays r-Rikorrenti huwa direttur, segretarju, rapprezentant legali u rapprezentant gudizzjarju skond dokumenti ufficjali ta' l-MFSA; u ghalhekk (ii) ir-riferta rilaxxjata mill-ufficcjal pubbliku in kwistjoni hija korretta u tirrifletti r-realtà tad-dikjarazzjoni hemm kontenuta;

Rat id-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011 u senjatament (i) kopja legali ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 118/11 markata bhala Dok. "RB1"; (ii) kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1283/11, markat bhala Dok. "RB2"; u (iii) *letter head* ta' Bargain Holidays markata bhala Dok. "RB3", u semghet ix-xhieda moghtija minnu waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011;
Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà intimata waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011, senjatament *print out* mill-website ta' l-MFSA markat bhala Dok. "RFA1" u *print out* mill-website ta' Creditinfo markat bhala Dok. "RFA2";

Rat l-atti ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "F.Advertising Limited v. Robbie Borg" datata 24 ta' Gunju 2011 bin-Numru 118/11, allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri skond kif ordnat waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qed jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà intimata kontra tieghu bis-sahha ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "F. Advertising Limited v. Robbie Borg" datata 24 ta' Gunju 2011 bin-Numru 118/11, skond dak provdut fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta: (i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)…*

Mir-Rikors promotur, mid-dokumenti minnu esebiti u mix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011, huwa car li r-Rikorrenti qed jorbot it-talbiet tieghu mal-pretensjoni li n-notifika lilu ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx skond il-ligi, u cioè skond l-Artikolu 187 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex Bargain Holidays ma ghandhiex ufficcju fl-indirizz moghti ghall-finijiet ta' notifika ta' l-ittra – Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar – izda ghandha ufficcju fi Triq ir-Rizzi, San Pawl il-Bahar, li fi kwalunkwe kaz ilu maghluq ghal dawn l-ahhar sentejn.

Il-Qorti però ma tqisx illi dak pretiz mir-Rikorrenti jaqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana li ghandu jwassal ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullità tat-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà intimata kontra tieghu bis-sahha ta' l-ittra ufficjali

ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "F. Advertising Limited v. Robbie Borg" datata 24 ta' Gunju 2011 bin-Numru 118/11.

L-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta espressament jiddisponi li l-Qorti ghandha tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett fil-Ligi titolu ezekuttiv nascenti minn ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, meta tkun sodisfatta *inter alia* li *d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss*. Hu evidenti ghalhekk li l-fatt principali li ghandu jwassal lill-Qorti biex tirrexxindi u tiddikjara null titolu ezekuttiv nascenti minn tali ittra ufficjali huwa li d-debitur **ma kienx jaf** b'dik l-ittra ufficjali ghaliex mhux notifikat skond il-Ligi, u xejn iktar.
Li dan huwa l-fatt determinanti fuq liema ghandha tikkoncentra l-Qorti jirrizulta minn dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Micallef Enterprises Limited et v. Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et" Citaz. Nru. 877/03**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju 2005, fir-rigward tal-validità tan-notifika ta' atti giudizzjarji, li bla dubju ta' xejn ghandu rilevanza partikolari fil-kuntest tal-procedura ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema procedura hija ta' natura specjali: *fir-rigward tal-validità ta' notifika ghall-finijiet ta' proceduri gudizzjarji hija opportuna l-osservazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza App. Civ. Dottor Michael Gialanze vs Sjakk Van Vleit [2000] Vol. LXXXIV.II.447 fis-sens li z-zmien ta' ghoxrin gurnata li l-ligi taghti lill-konvenut biex jirrispondi ghan-nota ta' eccezzjonijiet* ***ghandu jkun wiehed reali u mhux virtwali fis-sens illi l-konvenut kellu jkun materjalment notifikat – insenjament bazat fuq il-finalità tad-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi n-notifika ta' l-atti giudizzjarji; u kostruwit fuq il-principju tal-audi alteram partem inkorporat fid-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq****.*

Fil-kaz in ezami r-Rikorrenti kompletament tilef jew volutament injora l-mira reali tal-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta' ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta,

skond l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex filwaqt li ffoka w enfasizza fuq il-fatt li l-indirizz ta’ Bargain Holidays – li in verità ma hijiex debitrici intimata tas-socjetà F. Advertising Limited – ma huwiex fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, ma qal xejn dwar jekk hu – id-debitur intimat tas-socjetà F. Advertising Limited – effettivament irceviex o meno l-istess ittra.

Mir-riferta relattiva ghan-notifika ta’ l-ittra ufficjali in kontestazzjoni jirrizulta li r-Rikorrenti gie notifikat b’dik l-ittra u ghalhekk *prima facie* jidher li hu kien jaf biha u konsegwentement ma hemmx raguni ghalfejn il-Qorti ghandha tapplika s-sanzjoni tar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta’ nullità tat-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjetà intimata kontra r-Rikorrenti bis-sahha ta’ ittra ufficjali in kontestazzjoni, skond kif provdut fl-Artikolu 166(A)(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dak li jirrizulta mill-imsemmija riferta mhux biss ma giex kontradett mir-Rikorrenti, izda jirrizulta konfermat mill-*pink card* relattiva ghan-notifika ta’ l-ittra ufficjali in kwistjoni, illum formanti parti mill-atti ta’ dawn il-proceduri wara li fl-20 ta’ Ottubru 2011 giet ordnata l-allegazzjoni ta’ l-atti ta’ l-istess ittra ufficjali. Mill- *pink card* in effetti jirrizulta li kien ir-Rikorrenti stess li rcieva u iffirma ghall-ittra ufficjali in kontestazzjoni u ghalhekk altru milli ma kienx jaf biha.

La hemm prova sodisfacenti u konkreta li r-Rikorrenti kien jaf bl-ittra ufficjali mahruga kontra tieghu mis-socjetà intimata ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma jistax jusufruwixxi mir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghux jigu milqugha.

Apparte minn dan kollu, fil-fehma tal-Qorti n-notifika ta’ l-ittra ufficjali in kwistjoni lir-Rikorrenti fi kwalunkwe kaz saret ai termini tal-Ligi u skond dak dispost fl-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif già iktar ‘l fuq osservat id-debitur intimat mis-socjetà F. Advertising Limited kien ir-Rikorrenti u mhux Bargain Holidays, u ai termini ta’ l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-

Ligijiet ta’ Malta n-notifika f’tali cirkostanzi ssir *bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f’idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha[1]…*

Mix-xhieda ta’ l-istess Rikorrenti jirrizulta li ghalkemm l-indirizz fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, ma huwiex l-indirizz ta’ Bargain Holidays, f’dak l-indirizz hemm il-lukanda imexxija minnu u fejn jinsabu l-ufficini tieghu. B’hekk l-ittra ufficjali giet notifikata lir-Rikorrenti personalment fil-post fejn jahdem in konformità ma’ dak provdut fl-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk peress illi l-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta li r-Rikorrenti ma kienx jaf bl-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ipprezentata mis-socjetà intimata fil-konfront tieghu, mill-gdid ittenni li t-talbiet minnu avvanzati fir-Rikors tat-30 ta’ Settembru 2011 ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talbiet tar-Rikorrenti minnu avvanzati bir-Rikors ipprezentat fit-30 ta’ Settembru 2011. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-istess Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Sottolinear tal-Qorti.